# NAXXAR

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 19 – IT-TNEJN, 23 TA' MEJJU 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:12pm.

| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
|---|---|---|
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 18 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet waslet email b'talba biex isiru miżuri ta' kkalmar ta' traffiku fi Triq ix-Xambekk minħabba li jkun hemm ammont ta' tfal tad-dutrina. Il-Kumitat kien infurmat li jattendu mhux inqas minn 78 tifel u tifla d-dutrina. Kien hemm qbil li l-Kumitat japplika biex jagħmel hump quddiem il-garaxxijiet tal-Knisja.

2.2. Issemma li quddiem il-binja ġdida fi Triq id-Dwieli ma' Triq ix-Xambekk, l-iżviluppatur għadu ma beniex il-bankina.

2.3. Il-Kumitat kien infurmat li l-binja magħrufa tal-Oasis qed timtela bil-ħmieġ. F'dan il-ħin issemma li l-bankina fuq naħa waħda tat-triq hemm bżonn li tinbidel. Il-Kumitat qabel li jibda l-proċess biex tinbidel.

2.4. Tressaq ilment li Triq ir-Ridott hemm ammont ta' ħmieġ.

### 3. TIBDIL TAL-ISEM TA' TRIQ SAN FRANĠISK

3.1. Is-SE informa li l-Amministrazzjoni kienet diġà ressqet talba lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq iżda għadhom bla risposta.

### 4. DAWL FI TRIQ ANTON MANWEL CARUANA

4.1. Il-Kumitat kien infurmat li biex isir dan id-dawl jeħtieġ li jitħaffru trinek għaliex ma ngħatax permess biex il-wajers jgħaddu minn fuq. Għalhekk għad irridu nistennew li jkollna d-dettalji tax-xogħol meħtieġ biex inkunu nistgħu nitolbu l-istimi meħtieġa.

### 5. TALBIET BIEX JITNEĦĦEW L-ISKIPS

5.1. Il-Kumitat iddiskuta s-sitwazzjoni tal-iskips fejn kien hemm qbil fil-prinċipju li dawn għandhom jitneħħew kollha, inkluż dawk tas-separazzjoni tal-iskart.

5.2. Kien hemm qbil però li ssir konsultazzjoni mar-residenti permezz ta' ittra li tispjega l-ħsieb tal-Kumitat. Dan is-suġġett jitqajjem ukoll fil-laqgħa tal-Komunità ippjantata għas-7 ta' Lulju ħalli r-residenti jkollhom l-opportunità jesprimu l-ħsibijiet tagħhom.

5.3. Deċiżjoni finali tittieħed wara l-konsultazzjoni.

## 6. IL-CAMPING SITE

6.1. Is-SE informa li wara l-laqgħa mas-Sur Antoine Vella mill-uffiċċju tal-Prim Ministru ma kien hemm l-ebda tweġiba minkejja li kien bagħat *reminder*. Il-Kumitat kien infurmat li s-Sinj. Evelyn Muscat se tagħmel il-kuntatti neċessarji bil-għan li jwieġbu kemm jista' jkun malajr.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li s-SE kiteb lill-Perit Rodney Micallef biex jistaqsi dwar żviluppi fir-rigward tal-parking area. Huwa informa li kien għadu bla risposta.

7.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li se jsiru attivitajiet sportivi fi Triq il-Kosta. Il-Kumitat kien infurmat li l-organizzaturi se jkunu mitluba jinfurmaw lir-residenti.

7.3. Is-Sinj. Muscat appellat għal soluzzjoni kontra l-ħmieġ tal-klieb. Issuġeriet tabelli li jinkludu l-multa. Kien hemm qbil ukoll li jsiru stencil biex inaddfu fejn hemm il-bins.

7.4. Dwar iċ-ċint li kien meħtieġ jinbidel fi Triq Xatt il-Palm is-SE ta informazzjoni dwar il-komunikazzjoni li qed issir mal-Perit bil-ħsieb li naslu li jkollna stima u konferma jekk hux meħtieġ permess jew le.

7.5. Is-Sinj. Abela ilmentat minħabba l-pelican lights li għadhom ma ġewx installati fi Triq il-Kosta. Madanakollu kien spjegat li min-naħa tal-Kumitat ma jista' jsir xejn aktar ħlief pressjoni minħabba li dak huwa xogħol ta' TM.

7.6. Issemma li t-telephone booth fi Triq A M Caruana għadha ma tneħħietx. Issemma wkoll li fil-viċinanzi hemm il-ħajt li għandu bżonn manutenzjoni.

7.7. Is-Sur Bonello rrimarka fuq sewqan esaġerat mill-muturi fi Triq il-Kosta.

7.8. Il-Kumitat kien infurmat li l-attivitajiet sportivi għandhom jibdew mill-1 ta' Ġunju. Kull min jixtieq japplika għandu jikkuntattja lill-Kunsill u nitolbuhom jippreparaw ċekk bil-ħlas relattiv li huma €50 għal 20 sessjoni u €30 għal 10 sessjonijiet.

7.9. Il-Kumitat kien infurmat li se ssir il-ħarġa li jmiss għal Għawdex fit-23 ta' Ġunju.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tnejn 27 ta' Ġunju, 2016 għal-5:00pm.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:42pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |